MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Numru. 403/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**

**Vs**

**Frankie (Francis) Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Frankie (Francis) Cutajar, bin Carmelo u Teresa nee' Scicluna, imwieled Malta fis-27 ta' Frar, 1975, joqghod fil-fond 49, Flat 4, Triq San Pawl, Bormla detentur tal-karta tal-identita' numru 0135075M.

Akkuzat talli fit-18 t'April, 2014 ghal habta tas-2:00 p.m. fi Triq il-Mediterran, Valletta waqt li kien qed isuq jew fil-kontroll ta' vettura ta' ghamla Ford Mondeo bin-numru ta' registrazzjoni JWM 282, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Camilla Righi, skond ma ccertifika t-tabib Andrea Fenech M.D. (Nru. ta' referenza medika 5430) mid-Dipartiment tal-Emergenza tal-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 226(1) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 15(1) (a) (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, l-akkuzat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu li jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti, dan bi ksur tal-Artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali (a fol 8 tal-process), sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-Ufficjal Prosekutur u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Camilla Righi, il-*parte civile* hija turista li kienet Malta flimkien mar-ragel taghha. Fil-hin tal-incident kienet mixja fuq bankina dejqa, li fuqha toqghod persuna wahda, fi Triq il-Mediterran, Valletta, fid-direzzjoni lejn il-Port.
2. Warajha kien miexi r-ragel taghha Caggiati Moreno.
3. Quddiemha kien hemm xi zewg jew tlieta min-nies, u warajha kien hemm in-nies ukoll fosthom, ir-ragel taghha. In-nies kollha kienu sejrin fl-istess direzzjoni.
4. It-triq hija *two-way*. Fil-hin tal-incident kien ghaddej it-traffiku, imma ma kienx wieqaf.
5. Hin minnhom l-imputat gie bil-karozza tieghu Ford Mondeo minn warajha – sejjer ukoll fl-istess direzzjoni, u b'xi mod – li hija effettivament il-*vexata quaestio* ta' dawn il-proceduri – il-mera tal-vettura tal-imputat dahlet fil-but tal-gakketta li Camilla Righi kienet liebsa.
6. Konsegwenza ta' dan, Righi waqghet u habtet rasha, imma l-vettura ma kaxkritiex, ghax ix-xufier waqaf mill-ewwel.[1] Fil-fatt, l-imputat xehed li mill-ghajn tax-xellug ra xi haga niezla u sema' hoss, u kien pront gibed il-vettura l-barra biex ma jaqbadiex bir-rota ta' quddiem, u waqaf.[2]
7. L-imputat mar igib first aid box minghand wiehed mill-*coaches* tat-turisti li kien hemm fil-vicinanzi, u flimkien mar-ragel taghha ta l-ewwel ghajnuna.
8. Righi kellha ferita fuq l-*eyebrow* ta' ghajnejha tax-xellug, u meta ittiehdet l-isptar ghamlulha seba' punti f'mohhha.[3] Dottor Andrea Fenech irrilaxxa certifikat mediku fejn iddeskriva il-ferita bhala wahda gravi.[4]

Il-Qorti hija konvinta li t-tlett xhieda li xehdu f'dawn il-proceduri, cioe il-*parte civile* Camilla Righi, ir-ragel taghha Caggiati Moreno u l-imputat xehdu l-verita ta' dak li ftakru li gara f'dawk il-ftit sekondi li fih sar dan l-incident sfortunat, u fejn ma ftakrux jew kienu incerti qalu dan minghajr tlaqliq.

Kif diga inghad il-*vexata quaestio* hija ta' kif u ghaliex il-mera tal-vettura tal-imputat dahlet fil-but tal-gakketta ta' Camilla Righi. Sfortunatament, ir-ragel ta' Righi, li kien miexi warajha fuq il-bankina, ma rax kif sar l-incident, ghaliex dak il-hin kien qed idahhal il-gakketta tieghu fil-basket. Hu sema' d-daqqa u x'hin hares ra lil mara tieghu tingibed mill-gakketta u qed taqa' fl-ispazju bejn il-bankina u l-vettura, li kien spazju ta' xi nofs metru.[5]

---

[1] Ara xhieda ta' Camilla Righi a fol. 12 tal-process.
[2] Ara xhieda tal-imputat a fol. 33 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Camilla Righi a fol. 12 tal-process.
[4] Ara certifikat mediku ezebit bhala Dok PMG3 a fol. 7 tal-process.
[5] Ara xhieda ta' Caggiati Moreno a fol. 21 tal-process.

Il-Qorti hija konvinta li l-imputat kien ghaddej b'velocita baxxa. Dan mhux biss ghax xehdu hu, izda jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-istess Righi li xehdet li meta l-mera qabditilha l-gakketta, *"(o)vvjament waqajt, pero s-sinjur* (l-imputat) *ma kienx ghaddej bi speed qawwi. Jigifieri waqajt biss, hbat rasi, pero ma kaxkarnix. Waqaf mill-ewwel."* Likieku, l-imputat kien ghaddej b'velocita qawwija, il-Qorti m'ghandhiex dubbju li ma kienx biss ikaxkar lil Righi, imma kif jghid hu stess kien jaqbadha bir-rota ta' quddiem, ghax hi waqghet fid-direzzjoni tar-rota ta' quddiem, kif xehed l-imputat stess.[6]

It-tieni ipotesi hi li peress li t-triq hi *two-way*, l-imputat seta' kien ghaddej vicin wisq il-bankina tant li kellu l-mera tal-vettura tisporgi fuq il-bankina. Pero t-tlett xhieda jaqblu li qabel ma laqghat lil Righi, kien hemm persuni ohra fuq il-bankina, inkluz ir-ragel tal-istess Righi, li l-imputat ghadda minn hdejhom bil-vettura u ma laqathomx.

L-imputat kien onest fix-xhieda tieghu, u qal li billi hu lil Righi ra biss mit-tarf t'ghajnejh, ma jafx jekk Righi kienitx niezla minn fuq il-bankina jew kienitx fit-tarf tal-bankina.[7] Pero xehed li wara l-incident Righi qaltlu *"jiena nahseb li kont niezla mill-bankina."*[8] Fil-fatt, Righi, fix-xhieda taghha tghid hekk *"Ma niftakarx ezattament x'gara, pero jista' jkun li forsi nizzilt saqajja. M'inix certa. Ma niftakarx sew."*[9] Peress li Caggiati Morano, ir-ragel ta' Righi, ma rax l-incident isehh mill-ewwel, ma kienx f'posizzjoni jghid jekk il-mara tieghu kienitx nizlet saqajha minn fuq il-bankina.[10]

Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi kollha u x-xhieda moghtija, il-Qorti ma jistghax ma jkollhiex dubbju ragonevoli li dan l-incident ma sehhx minhabba xi nuqqas tal-imputat, imma sehh ghaliex Camilla Righi ghamlet xi manuvra, li konsegwenza taghha, l-mera tal-vettura tal-imputat dahlet fil-but tal-gakketta taghha. Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll, li fit-trattazzjoni orali finali, l-Ufficcjal Prosekutur kien leali mal-Qorti u mal-imputat, u ammetta li difficli li wiehed jghid x'ikkawza dan l-incident sfortunat.

Konsegwentement, il-Qorti tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ma ippruvatx il-kaz taghha sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

[6] Ara xhieda tal-imputat a fol. 36 tal-process.
[7] Ara xhieda tal-imputat a fol. 37 tal-process.
[8] Ara xhieda tal-imputat a fol. 34 tal-process.
[9] Ara xhieda ta' Camilla Righi a fol. 12 tal-process.
[10] Ara xhieda ta' Caggiati Morano a fol. 20 tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma issibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u qieghda tilliberah minnhom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------